# NOMINA TAS-SUR JONATHAN BORG BĦALA AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦALL-PANAMA

Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern

**1. X'taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż?**

*L-Isfidi Prinċipali ta' Panama fl-2025*

- **Rallentament Ekonomiku** - L-ekonomija tal- Panama naqset għal tkabbir ta' 2.9% fl-2024, meta mqabbel mas-7.4% sena qabel, fl-2023. Dan ir-rallentament hu marbut mal-għeluq tal-minjiera ewlenija tal-ram Cobre Panamá, li kienet tikkontribwixxi kważi 5% tal-Prodott Gross Domestiku. L-għeluq seħħ minħabba tħassib ambjentali u tilwim dwar il-kontribuzzjonijiet fiskali, li wasslu għal telf ta' impjiegi u tnaqqis fl-esportazzjoni.

- **Riforma tas-Sigurtà Soċjali Is-sostenibbiltà tal-Fond tas-Sigurtà Soċjali (CSS)** hija sfida kruċjali. Il-President José Raúl Mulino ppropona żieda fl-età tar-rtirar bi 3 snin bħala parti minn riforma biex tiġi ggarantita l-viabilità fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.
- **Tħassib Ambjentali u l-Kanal ta' Panama** - Il-kanal ta' Panama, wieħed mill-aktar korrituri kummerċjali importanti fid-dinja, qed jaffaċċja nixfiet ikkawżati mill-bidla fil-

klima. Dan wassal għal restrizzjonijiet fuq id-daqs u n-numru ta' bastimenti li jistgħu jgħaddu, bi tnaqqis fid-dħul u impatt negattiv fuq l-ekonomija. Soluzzjonijiet innovattivi, bħal bini ta' *reservoir* ġdid qed jaffaċċjaw sfidi kemm finanzjarji u kemm ambjentali.

- **Tensjonijiet Ġeo-politiċi** - Il-preżenza ekonomika taċ-Ċina fil-portijiet tal-Panama qed tqajjem tħassib mill-Istati Uniti. Bħala risposta, l-Istati Uniti qalu li jistgħu jieħdu miżuri – anke militari – biex iwaqqfu din l-influwenza, u dan qed ipoġġi lil Panama f'sitwazzjoni sensittiva bejn żewġ superpotenzi.

- **Politika tal-Immigrazzjoni u Deportazzjoni**- Il-Panama aċċettat li tirċievi migranti deportati mill-Istati Uniti li ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom – fosthom nies minn Afganistan, iċ-Ċina, l-Iran, il-Pakistan u l-Użbekistan. Dan joħloq sfidi fil-ġestjoni tar-riżorsi, l-akkomodazzjoni u kwistjonijiet legali u umanitarji.

- Konsolidazzjoni Fiskali Il-gvern qed jaffaċċja pressjoni kbira biex jikkonsolida l-finanzi tiegħu. Fl-ewwel disa' xhur tal-2024, id-defiċit fiskali laħaq 7.1% tal-PGD – l-ogħla rata fuq rekord. Dan jindika l-ħtieġa għall-miżuri fiskali stretti biex tinżamm l-istabbiltà ekonomika.

**2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

Bħala Ambaxxatur (mhux residenti) Malti fil-Panama, il-ħidma tiegħi ser tkun ibbażata skont il-politika barranija ta' pajjiżna u l-prinċipji tad-diplomazija internazzjonali. Il-Panama hija pajjiż żgħir madanakollu għandu importanza strateġika – speċjalment minħabba l-kanal tal- Panama, il-kummerċ reġjonali, u l-konnessjonijiet tagħha mal-Amerika Latina u l-Istati Uniti.

Għalhekk, se nkun qed:

- Insaħħaħ ir-relazzjonijiet bilaterali billi nippromwovi djalogu politiku bejn Malta u Panama fuq suġġetti bħall-bidla fil-klima, il-kummerċ, l-immigrazzjoni, u s-sigurtà reġjonali. Niffaċilita żjarat ta' livell għoli jew ftehimiet ta' kooperazzjoni (MoUs) f'oqsma ta' interess.
- Nesplora kull opportunità kummerċjali u investimenti għall-kumpaniji Maltin, b'mod partikolari f'oqsma bħal:
    - Servizzi marittimi
    - Fintech
    - Enerġija sostenibbli u teknoloġiji ambjentali
    - Koperazzjoni Marittima billi nisfrutta s-saħħa ta' Malta fir-reġistru marittimu u s-settur tal-baħar biex nikkoopera fuq:
    - Żvilupp tal-portijiet
    - Liġi marittima
    - Taħriġ u ċertifikazzjoni tal-ekwipaġġ

Skambju Kulturali u Akkademiku u nippromwovi l-kultura u l-wirt Nazzjonali Maltipermezz ta' attivitajiet jew sħubijiet ma' universitajiet u istituzzjonijiet kulturali fil-Panama. Se nkun qed naħdem ukoll fuq possibilità ta' skambji ta' studenti jew riċerka konġunta fuq suġġetti bħal-liġi marittima, il-politika ambjentali, jew id-diplomazija ta' stati żgħar.

Rappreżentanza tal-UE: Bħala rappreżentant ta' stat membru tal-UEnagħti sehmif'laqgħat ta' koordinazzjoni ma' Ambaxxati oħra tal-UE filwaqt li nirrapprezenta pożizzjonijiet komuni tal-UE,

speċjalment fejn Malta għandha interessi speċifiċi bħal ma' huma l-immigrazzjoni, l-għajnuna għall-iżvilupp, il-marittimu, u l-politika tal-klima.

Appoġġ għaċ-Ċittadini Maltin b'għajnuna konsulari lil ċittadini Maltin (f'każijiet ta' emerġenza, problemi legali, jew diffikultà fl-ivvjaġġar).

**3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna**-L-esperjenza tiegħi fl-aħħar 30 sena fil-qasam marittimu kemm fl-industrija kif ukoll fit-tmexxija ta' TM, fejn esperjenzajt ukoll l-aspetti legislattivi u politiċi, anke fuq livell tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, se tkun ta' għajnuna kbira biex nibni u nsaħħaħ settur li hu tant importanti kemm għal Malta u anki għal Panama. Nemmen li f'dawn is-snin ksibt ukoll il-ħiliet neċessarji sabiex inservi bl-aħjar mod possibbli fejn anki kelli l-opportunità ngħix ukoll il-politika tal-Gvern.

**4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Nemmen li l-kompetizzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fil-qasam marittimu nistgħu indawwruha fi strateġija li minnha ngawdu iż-żewġ naħat. Irridunoffru servizz ta' kwalità b'reputazzjoni b'saħħitha minflok kompetizzjoni li twassal biex iż-żewġ naħat jimxu lejn bandiera ta' konvenjenza. Bl-istess mod, għandna ngħelbu d-distanza fiżika li teżisti billi nsaħħu n-*netwerks* potenzjali għal xulxin, speċjalment dawk kummerċjali.

**5. X'taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?**

Il-marittimu u t-tibdil fil-klima flimkien mas-servizzi finanzjarji (fintech), il-kummerċ, u l-loġistika huma uħud mis-setturi fejn nistgħu nsibu sinerġiji reċiproki.

**6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

Iż-żewġ pajjiżi għandhom viżjonijiet ekonomiċi rispettivi għall-futur. Dawn għandhom jiġu analizzati, b'involviment ta' industriji u setturi strateġiċi f'kull pajjiż, sabiex jiġu ffurmati pjanijiet ta' kooperazzjoni reċiproċi., Sħubiji ċari u attivitajiet kummerċjali huma important biex ikun hemm riżultati ta' suċċess għal Malta u l-Panama.

Mistoqsijiet Sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni

**1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Panama?**

Bħala Ambaxxatur mhux residenti, ir-rwol tiegħi jkun ta' ċentru tal-komunikazzjoni u djalogu bejn Malta u Panama. Se niffoka fuq it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali u nippromwovi l-interessi ta' Malta fil-pajjiż. Inħaddem il-ħiliet tiegħi fl-industrija marittima u l-kummerċ u naraw l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni, kummerċ, u investiment bejn iż-żewġ pajjiżi. B'mod partikolari, ikollna opportunità biex nibnu sinerġiji reċiproki fil-qasam tal-marittimu, fintech, u l-enerġija sostenibbli.

**2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u Panama?**

Ir-relazzjonijiet bejn Malta u Panama huma fi stadju ta' żvilupp, iżda l-isfidi ewlenin li nistgħu jiffaċċjaw jinkludu:

- Id-distanza fiżika u l-isfidi marittimi li jistgħu jgħarfu l-kumplessità ta' kooperazzjoni reġjonali.
- Il-ħtieġa għall-strateġiji komuni fil-qasam tal-marittimu biex inżidu l-kummerċ bejn il-portijiet ta' Malta u Panama.
- L-influwenza ta' pajjiżi oħra fil-kummerċ internazzjonali li tista' taffettwa l-kuntratti u l-ftehimiet reġjonali.

**3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Panama?**

Malta u Panama għandhom interessi komuni fil-qasam tal-marittimu, il-kummerċ, il-fintech, u s-sostenibbiltà ambjentali. Irridu nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna f'żoni fejn Malta hija magħrufa għall-esperjenza tagħha, bħall-iżvilupp ta' portijiet, it-taħriġ marittimu, u l-istandards tal-marittimu.

**4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Bħal ma semmejt diġà, għadni ma rċevejtx l-ebda taħriġ formali fid-diplomazija, madanakollu nemmen li l- esperjenza tiegħi fil-marittimu u l-kooperazzjoni internazzjonali kienet ta' valur kbir fil-kostruzzjoni ta' relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiżi differenti, inkluż il-Panama.

**5. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Panama u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Panama?**

S'issa, għadni ma kelli ebda żjarat fil-Panama, iżda bħala espert marittimu, għandi rabtiet kummerċjali u professjonali ma' diversi pajjiżi fil-Karibew u l-Amerika Latina. Jekk ningħata l-kariga ta' Ambaxxatur ser inkompli nsaħħaħ dawn ir-rabtiet għall-interess taż-żewġ pajjiżi..

**6. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Għandi esperjenza twila fl-involviment fi negozjati u ftehimiet internazzjonali, partikolarment fil-qasam marittimu, Fl-esplorazzjoni tal-żejt  u l-kummerċ. Dan jgħini sabiex naqdi l-irwol tiegħi b'mod effiċjenti u effettiv.

**7. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Iva, kont nokkupa l-kariga ta'  Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tat- Transport Malta

**8. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**